MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 539/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**Vs**

**Nielsen Christina Kechayas**
**ID. 80597A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Awwissu, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi 'l-konvenuta ghandha thallas lis-Socjeta' attrici 's-somma ta' elf, mija u hamsa u sebghin ewro u sebghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,175.47) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40248889 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 –estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficcjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex ihallas izda baqghat inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Simone Wrightman ghas-socjeta' attrici li fil-25 ta' Marzu, 2015 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont elf, mija u hamsa u sebghin ewro u sebghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,175.47) ghadu dovut.

It-Tribunal ra 'lli ma giet ipprezentata ebda risposta.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont elf, mija u hamsa u sebghin ewro u sebghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,175.47) liema ammont jithallas b'rati mensili ta' hamsin ewro (€50) fix-xahar. L-ewwel pagament ikun fit-30 ta' April, 2015.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------